KUNSILL LOKALI PAOLA

**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09-06

L-Erbgħa 25 ta' Settembru 2024

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċju amministrattiv tiegħu f' Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar l-Erbgħa 25 ta' Awwissu 2024. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Jason Silvio | Sindku |
| | Darren Lynch | Kunsillier |
| | Neville Camilleri | Kunsillier |
| | Roderick Caruana | Kunsillier |
| | Rose Piccinino | Kunsilliera |
| | Melanie Agius Attard | Kunsilliera |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Dominic Grima | Viċi Sindku |
| **Assenti:** | Ħadd | |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Kunsill Lokali Paola

## 06.01 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji

06.01.01 Is-SE informa li l-Kunsillier Lynch kien informa li ma setgħax jattendi peress li kien ser ikun imsiefer. Il-Kunsillieri approvaw li l-Kunsillier Lynch għandu jitqies bħala skużat.

## 06.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nri. 09/03 u 09/04

06.02.01 Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 09/04 li kienu ntbagħtu qabel ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Camilleri ippropona filwaqt li l-Kunsillier Caruana issekonda.

06.02.02 Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 09/05 li kienu ntbagħtu qabel ġew approvati kif emendati. Il-Kunsillier Lynch ippropona filwaqt li l-Kunsilliera Agius Attard issekondat.

## 06.03 Komunikazzjoni mis-Sindku

06.03.01 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri illi wara li kienet saret il-Laqgħa Pubblika dwar il-Pjan ta' Ħidma, issa kien imiss li l-Kunsill jaħdem fuqha u għalhekk stieden lill-Kunsillieri sabiex sa laqgħa oħra jiġu bl-idejat sabiex is-SE ikun jista' jaħdem fuq dan il-Pjan ta' Ħidma.

06.03.02 Is-Sindku nforma li konna ġejna nfurmati mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali illi t-talba tagħna sabiex jitranġa s-*safety material* fi Ġnien Pawlu kienet ġiet approvata però l-ammont approvat huwa nofs dak li konna tlabna. Huwa qal ukoll li waqt laqgħa mal-Onor. Ministru Bonett, dan kien infurmana li kien ser jieħu ħsieb jirranġa Ġnien Pawlu Boffa min naħa tiegħu u għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa li l-flus li ġejna allokati għal Ġnien Pawlu Boffa jintużaw sabiex titranġa l-*playing field* li hemm fi Triq Ninu Cremona. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u għalhekk ġie deċiż li jinbeda l-proċess.

06.03.03 Is-Sindku fakkar li nhar is-Sibt kienet ser issir il-*Clean Up* fi Ġnien fi Triq San Alwiġi. Huwa żied li kien għamel talba lill-*Cleansing Dept*. għal numru ta' reċipjenti tal-iskart ġodda u li din it-talba kienet ġiet milqugħa u għada għandhom jaslu 15-il reċipjent.

06.03.04 Is-Sindku nforma li l-amministrazzjoni tal-kumpless *Main Street* kienu talbu l-permess sabiex jagħmlu sinjali li jindikaw il-parkeġġ tagħhom fi Triq l-Arkata. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba.

06.03.05 Is-Sindku nforma li xtaq li l-funtani tal-Pjazza jerġgħu jibdew jaħdmu u għalhekk kien qed jissuġġerixxi li tinġieb stima mingħand il-kumpanija li kienet installatom sabiex naraw xi spejjez hemm biex dawn jerġgħu jibdew jaħdmu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

06.03.06 Is-Sindku informa li l-MCAST kienu aċċettaw li jirrestawraw in-niċċa tal-Qalb ta' Ġesù li hemm fi Triq Santa Ubaldeska kantuniera ma Triq is-Sultana. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

06.03.07 Is-Sindku nforma li xtaq li jagħmel haġa oħra għall-anzjani forsi viċin il-festa ta' San Martin. Dwar dan kienx hemm oġġezzjoni.

06.03.08 Rigward il-karozza li l-Kunsill għandu mikrija għandu, s-Sindku ssuġġerixxa li l-kuntratt tagħha għandu jiġi tterminat peress li din ma kienitx qed tintuża. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

06.03.09 Is-Sindku ssuġġerixxa li għall-festi tal-Milied, l-arranġament li kien hemm dan l-aħħar snin dwar l-armar tal-arbli, l-Presepju fil-Pjazza eċċ. mill-għaqdiet tar-raħal jibqa' effettiv anke din is-sena. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Kien hemm qbil ukoll li f'okkażjonijiet speċjali, anniversarji eċċ., għandhom jittellgħu il-bnadar li għandu l-Kunsill.

06.03.10 Is-Sindku semma l-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-ERA rigward l-irwejjaħ li jinxtammu mir-raħal u qal li kien hemm qbil li kull meta jinxtammu dawn l-irwejjaħ, il-Kunsilliera Piccinino kienet offriet li tinforma lil-ERA personalment. Kien hemm qbil li x-xahar id-dieħel għandha ssir laqgħa mal-Wasteserv rigward dan is-suġġett. Kien hemm qbil ukoll li jekk ikun hemm il-ħtieġa għandu jsir studju xjentifiku dwar din il-problema.

06.03.11 Is-Sindku nforma li flimkien mas-SE kien attenda għal-laqgħa dwar Vjal Kulħadd li kienu qed jissuġġerixxu li jkun hemm aktar spazji miftuħa għar-residenti. Wara diskussjoni qasira dwar is-suġġett ġie deċiż li nitolbu lil-*Infrastructure Malta* sabiex naraw jekk hux possibbli li tinġieb estensjoni dwar id-data tal-għeluq peress li t-30 ta' Ottubru kien żmien qasir wisq u jekk ikun possibbli tinġieb aktar informazzjoni.

**06.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

06.04.01 Il-Kunsillier Lynch informa li huwa kien tkellem mal-NGO MOVE sabiex issir attività sportiva ġewwa l-Pjazza nhar is-Sibt 9 ta' Novembru fil-għaxija. Huwa ta' dettalji tal-isport li jista' jsir u li ovvjament li jkun hemm bżonn li tingħalaq il-Pjazza waqt din l-attività. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u ġie deċiż li l-Kunsill iħallas l-ispejjeż involuti rigward dawl, *sound* u Uffiċċjali tal-Komunità minħabba l-għeluq tal-Pjazza.

06.04.02 Il-Kunsillier Camilleri nforma li kien irċieva talba mill-patrijiet ta' Ghajn Dwieli sabiex quddiem il-Knisja ssir *Reserved Bay* minflok *Double Yellow Line*. Ġie deċiż li dwar din it-talba għandna nikkonsultaw ma' *Transport Malta* sabiex naraw hux possibbli li jsir kif mitlub.

06.04.03 Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi rigward bieb li kien infetaħ fil-*Green Corridor* u li l-Kunsill kien oġġezzjona għalih. Is-SE informa li

sa issa ma kienet daħlet l-ebda applikazzjoni f'dan is-sena quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar però kien ser jikkonferma dan mal-Perit tal-Kunsill.

06.04.04 Il-Kunsillier Camilleri staqsa dwar il-*cameras* li hemm fuq l-istabbiliment tal-EPIC fil-Pjazza li ilhom weqfin għal xi ġranet. Is-SE informa li kien hemm problema dwar ħlas ta' kont pendenti li issa ġiet riżolta iżda jidher li hemm xi problemi tekniċi u li konna f'kuntatt sabiex dawn jitranġaw.

06.04.05 Il-Kunsilliera Agius Attard infurmat li kienet irċeviet rapporti li kien qed ikun hemm xi persuni ġewwa l-*iSkate Park*. Kien hemm qbil li għandhom jiżdiedu t-tabelli li jindikaw li l-post għadu Sit ta' Kostruzzjoni.

06.04.06 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet jekk il-Kunsill kellux informazzjoni kien ser jibda x-xogħol ta' tisbiħ fil-Pjazza. Is-Sindku nforma li mill-informazzjoni li għandu, bħalissa qed isiru l-pjanti u x-xogħol għandu jitlesta sas-sena 2026.

06.04.07 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet jekk hux possibbli li l-bankijiet fi Ġnien Dom Mintoff isiru bid-dahar. Is-Sindku nforma li ried jara jekk hux possibbli li jiżdied dahar mal-bankijiet preżenti.

06.04.08 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet jekk hux possibbli li meta l-Kunsill ikun ser jagħmel xi rinnovamenti fil-bandli/ġonna pubbliċi, jkun hemm apparat addattati għal-tfal bl-awtiżmu. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u l-Kunsilliera Agius Attard għandha tipprovdi aktar informazzjoni.

06.04.09 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-mera fi Triq Bormla faċċata ta' Triq Mater Boni Consigli. Is-SE informa li konna ser immorru fuq il-post sabiex jiġi identifikat post fejn teħel din il-mera.

06.04.10 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet hux possibbli li jitqassam avviż fid-djar dwar il-ġranet ta' meta għandu jinħareġ skart partikolari. Kien hemm qbil li dan l-avviż jitqassam mal-avviż tal-Laqgħa tal-Lokalita' li jmiss f'Diċembru.

06.04.11 Il-Kunsilliera Agius Attard staqsiet hux possibbli li l-Kunsill jikseb informazzjoni dwar lil min jappartjenu x-xelters li nstabu sabiex jekk ikun possibbli l-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jinfetħu għall-pubbliku. L-Kunsillier Caruana nforma li fil-ġranet li ġejjin, flimkien mas-Sindku, kien ser ikollu laqgħa ma' persuna li qed taħdem fuq dan il-ħsieb.

***Il-Kunsillier Camilleri ħalla l-laqgħa fit-20:15 minħabba mpenji oħra personali.***

06.04.12 Il-Kunsilliera Agius Attard infurmat li fuq il-*website* tal-Kunsill hemm informazzjoni nieqsa dwar l-istorja tar-raħal ecc. Is-SE informa li kien ser jiċċekkja mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali xi jrid isir biex din l-informazzjoni tittella' fuq il-*website*.

06.04.13 Il-Kunsilliera Piccinino talbet sabiex il-Kunsill jikteb lid-Dipt. tal-Artijiet sabiex jikkonfermaw li Ġnien il-Mediterran jgħajjat lid-Dipt. tal-Edukazzjoni/MCAST.

06.04.14 Il-Kunsilliera Piccinino infurmat li kienet irċeviet talba sabiex isir Kunċert ġewwa l-Bażilika bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u li s-sehem tagħna jkun ta' €1,000. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma qabilx mal-ammont mitlub u li għalhekk kellna ninfurmaw b'dan lil min kien għamel it-talba.

06.04.15 Il-Kunsilliera Piccinino nfurmat li t-*Time Board* li hemm mal-*Bus Stop* fi Vjal Kristu Re għadu mhux qed jaħdem. Kien hemm qbil li niktbu lil-*Transport Malta / Malta Public Transport* dwar dan.

06.04.16 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet kif konna bqajna dwar il-Parkeġġ Riservat għar-Residenti. Kien hemm qbil li nitolbu laqgħa mal-Ministru responsabbli mit-Trasport dwar dan is-suġġett. Kien hemm qbil ukoll li tintbagħat kopja tal-*Master Plan* li kien għamel il-Perit tal-Kunsill lill-Kunsillieri.

***Il-Kunsillier Lynch ħalla l-laqgħa fit-20:40 minħabba mpenji oħra personali.***

06.04.17 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet kif konna bqajna rigward id-*Drop Kerbs* quddiem iż-*zebra crossings* ta' Triq Ħal Luqa, Triq Tarxien u Triq Palma u s-SE informa li l-Perit ta' *Infrastructure Malta* kien infurmah li dawn kienu ser isiru fil-ġimgħat li ġejjin.

06.04.18 Il-Kunsilliera Piccinino lmentat li minkejja li ħafna kontejners fl-inħawi ta' Kordin u Ras Ħanżir kienu tneħħew, xorta għad hemm istanzi fejn ikun hemm kontejners ipparkjati ħażin. Kien hemm qbil li nitkellmu mal-awtoritajiet sabiex isir l-infurzar meħtieġ.

06.04.19 Il-Kunsilliera Piccinino lmentat li kien qed ikun hemm nuqqas ta' nfurzar f'diversi oqsma. Kien hemm qbil li jsiru laqgħat mal-Pulizija tal-Komunità u LESA dwar dan is-suġġett.

06.04.20 Il-Kunsilliera Piccinino talbet sabiex fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill, jittella avviż dwar il-laqgħat tal-*Active Ageing* li jinżammu fis-Sala tal-Kunsill kull nhar ta' Tnejn u l-Ħamis. Is-SE informa li kien ser jitlob lid-*designer* sabiex isir *poster* f'dan is-sens.

06.04.21 Il-Kunsilliera Piccinino nfurmat li hemm bżonn li jsir *flushing* tal-katusi ta' Triq Lampuka sabiex l-ilma tax-xita jkun jista' jinżel lejn Triq Żabbar mingħajr problemi. Dwar dan kien hemm qbil.

06.04.22 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-laqgħa mal-Awtoritajiet dwar l-operat tal-*Health Hub*. Is-SE informa li kien għadu jrid jagħmel it-talba għal-laqgħa.

06.04.23 Il-Kunsilliera Piccinino talbet li ssir mera fi Triq Palma faċċata ta' Triq Brittanja. Is-SE nforma li kien diġà tkellem mas-sid ta' stabbiliment li hemm fejn għandha teħel din il-mera u li din għandha teħel fil-ġranet li ġejjin. Huwa qal li sadanittant kienu saru *Double Yellow Lines* fi Triq Palma kantuniera ma' Triq Brittanja sabiex min ikun nieżel minn Triq Brittanja jkun jista jara aħjar il-vetturi li jkunu ġejjin.

06.04.24 Il-Kunsilliera Piccinino talbet li jsir avviż fuq il-paġna tal-Kunsill ta' *Facebook* dwar il-fatt li r-residenti ma għandhomx jitimgħu il-ħamiem. Dwar dan kien hemm qbil.

06.04.25 Il-Kunsilliera Piccinino staqsiet jekk hux possibbli li jsiru lezzjonijiet taż-Zumba ġewwa s-Sala tal-Kunsill. Is-Sindku nforma li kien diġà tkellem ma' persuna li tagħmel dawn il-lezzjonijiet iżda din ma kienitx lesta li tħallas sabiex tagħmel użu mis-Sala.

06.04.26 Il-Kunsilliera Piccinino informat li kienet irċeviet lment dwar bejta tal-*hornets* fl-inħawi tal-Pjazza Sant' Antnin. Kien hemm qbil li l-Kunsilliera Piccinino għandha tipprovdi aktar informazzjoni sabiex naraw jekk il-Kunsill jistax ikun ta' għajnuna.

06.04.27 Il-Kunsillier Caruana lmenta dwar il-fatt li f'parti minn Triq Santa Monika kien qed jinqala t-tarmak li sar ftit ġimghat ilu. Kien hemm qbil li ninfurmaw lil-*Infrastructure Malta* bil-miktub dwar dan.

***Is-SE informa li kienu għaddew 3 siegħat mill-bidu tal-laqgħa u li għalhekk kien hemm bżonn il-qbil ta' dawk preżenti biex il-laqgħa tkun tista' tkompli. Peress li kien hemm qbil unanimu, l-laqgħa kompliet.***

06.04.28 Il-Kunsillier Caruana nforma li fi Triq Tarxien bejn Triq Lampuka u Triq it-Tarzna kien qed iżomm l-ilma. Kien hemm qbil li ninfurmaw lil-*Infrastructure Malta* dwar dan.

06.04.29 Il-Kunsillier Caruana nforma li kien hemm tappiera fil-Pjazza li kienet qed tagħmel il-ħsejjes. Ġie1deċiż li naraw jekk il-ħaddiema tal-Kunsill setgħux isolvu l-problema.

06.04.30 Il-Kunsillier Caruana nforma li kien irċieva ilment dwar *Communal Reserved Parking Bay* fi Triq il-Qalb ta' Ġesù li kienet qed tintuża minn persuna li toqgħod fi Triq Mater Boni Consigli u staqsa jekk kienx possibbli li din il-*Communal Reserved Parking Bay* issirx f'din it-triq. Ġie deċiż li niċċekkjaw ma' *Transport Malta* dwar dan.

06.04.31 Il-Kunsillier Caruana ressaq talba ta' residenti ta' 3 *Towers* sabiex issir *Skip* imħallsa minnhom faċċata tar-residenza tahom viċin il-kaxxa tal-ħwejjeġ sabiex il-bankina ma tibqax ingumbrata bil-boroż tal-iskart. Is-SE informa li kien ser jiċċekkja mal-Kuntrattur jekk dan kienx possibbli.

06.04.32 Il-Kunsillier Caruana staqsa dwar Ġnien Tony Bezzina u -Sindku nforma li bħalissa x-xogħol kien wieqaf sakemm insolvu l-problema tal-ilma tal-ħabs.

06.04.33 Il-Kunsillier Caruana staqsa xi jrid isir biex Paola ssir Belt. Is-SE informa li ried jiċċekkja dwar dan.

06.04.34 Il-Kunsillier Caruana staqsa hux possibbli li l-istrutturi l-bojod li hemm fil-pjazza viċin il-*Health Centre* jitneħħew għax kienu qed iservu biss biex jinġemgħa l-

ħmieġ taħthom. Is-Sindku nforma li kien diġà għamel talba f'dan is-sens u suppost li dawn għandhom jitneħħew fil-ġranet li ġejjin.

06.04.35 Il-Kunsillier Caruana informa li kien irċieva lment dwar numru ta' *hornets* fl-inħawi tal-Pjazza Sant' Antnin. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Caruana jipprovdi iktar dettalji sabiex naraw jistax isir xi ħaġa min naħa tagħna.

**06.05 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

06.05.01 Is-SE informa li konna rċivejna korrispondenza dwar it-talba tagħna sabiex inkunu t-*Town of Sport 2026* u ġejna mitluba sabiex nagħmlu l-ħlas ta' €1,000 u nindikaw meta jkun l-aħjar żmien li ssir iż-żjara tagħhom f'Malta. Il-Kunsill qabel dwar il-ħlas u ġie deċiż li niċċekkjaw mas-Sur Vella dwar iż-żmien taż-żjara.

06.05.02 Korrispondenza mingħand Transport Malta fejn ġejna nfurmati li z-*zebra crossing* fi Pjazza Antoine De Paule kienet ser tinżebaħ roża fl-okkażjoni ta' *Pink October*.

06.05.03 Ċirkulari SPI/SCI/7/2024- Espressjoni ta' Interess - Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet pubbliċi. Ġie deċiż li naraw jekk nistgħux napplikaw għal-binja antika tal-Kunsill.

06.05.04 Korrispondenza mingħand Hibernians FC fejn ġejna nfurmati li kienu ressqu applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jitneħħew strutturi perikolużi ġewwa Villa Flamini.

06.05.05 Korrispondenza mingħand l-*Animal Welfare* fejn ġejna nfurmati li konna ser ingħataw numru ta' *vouchers* sabiex jitqassmu lil-*Cat Feeders* skont l-ammont ta' qtates li jieħdu ħsieb jitimgħu.

06.05.06 Talba mingħand l-iskola ALP sabiex jagħmlu użu tas-Sala tal-Kunsill peress li kienet inħarqet is-Sala tagħhom. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba diment li s-Sala ma tkunx ser tintuża għal xi attività oħra.

**06.06 Rapporti**

06.06.01 Is-SE informa li ma kienx hemm rapporti.

**06.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 09/06**

06.07.01 L-iskeda ta' Pagamenti ġiet approvata unanimament.

06.07.02 Ġie deċiż li s-SE għandu jiċċekkja dwar kif l-aħjar li l-Kunsill jikseb servizzi ta' avukat skont il-bżonn.

06.07.03 Is-SE informa li l-kontijiet li kellna *issue* dwarhom fl-aħħar laqgħa għadhom ma tħallsux peress li għadna rridu niksbu iktar informazzjoni.

**06.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Kunsill Lokali Paola

06.08.01 Il-laqgħa ntemmet fid-09:35 p.m. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 21 ta' Ottubru 2024 fis-6:00 p.m.

**Konfermati illum it-Tnejn 21 ta' Ottubru 2024.**

| | |
|---|---|
| **Jason Silvio**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |